MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2401/1997/1

**George Ciantar**

**vs**

**Patricia Ciantar**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-24 ta' April 1976;

Illi mill-imsemmi zwieg huma kellhom tliet itfal Etienne, Fabian u Maruska li kollha ghadhom minuri;

Illi llum l-kontendenti huma legalment separati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono;

Illi l-kontendenti *cio' nonostante* li ma riedux jidhlu ghaz-zwieg, huma gew kostretti jaghmlu dan mill-familjari rispettivi taghhom peress li Patricia Ciantar kienet inqabdet b'tarbija koncepita qabel ic-celebrazzjoni taz-zwieg ta' bejniethom.

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet u drittijiet essenzjali taz-zwieg, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet reciproci taz-zwieg;

Illi allura dan iz-zwieg huwa null *ai termini* ta' l-**artikolu 19(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta'Malta;**

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-24 ta' April 1976 huwa null u mhux validu ghall-effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat il-verbali tal-11 ta' Marzu 1999; tal-14 ta' Mejju 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Greta Agius biex tigbor il-provi u tirrelata; tal-15 ta' Ottubru 1999; tas-16 ta' Marzu 2000;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tas-16 ta' Marzu 2000 a fol. 18 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa ammess li hemm ragunijiet sufficjenti skond il-Ligi li jirrendu z-zwieg ta' bejn il-kontendenti wiehed null u minghajr ebda effett, izda liema ragunijiet ma' huma bl-ebda mod attribwibbli lill-esponenti.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 18 u 19 tal-process.

Rat in-nota ta' George Ciantar datata 24 ta' April 2000 li permezz taghha esebixxa zewg affidavits.

Rat il-verbali tad-9 ta' Ottubru 2000 u tat-12 ta' Frar 2001.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius.

Rat il-verbali tas-17 ta' Settembru 2001; tat-2 ta' Novembru 2001; tat-22 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.; tal-21 ta' Mejju 2002 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport. Dr. Noel Bartolo f'ismu u f'isem Dr. Toni Abela rrimetta ruhu ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2002.

Rat ix-xhieda prodotta quddiem din il-Qorti inkluza dik mismugha mill-Perit Legali.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) PROVI.

Illi l-attur fix-xhieda tieghu stqarr illi hu u l-mara tieghu damu johorgu flimkien ghal madwar sena u nofs qabel ma ddecidew li jizzewgu fil-24 ta' April, 1976 u dan ghaliex skond huwa ghaliex l-konvenuta harget tqila ghaliex kieku ma kienux ser jizzewgu daqshekk malajr.

Illi l-attur jispjega wkoll illi anki minkejja li zzewgu hu xorta baqa' johrog, jigri u jixxala, filwaqt li l-mara tieghu kellha

relazzjoni ma’ haddiehor, u dan jispjega ghaliex qabel ma kienu ddiskutew il-possibilta’ li jizzewwgu.

Illi fil-fatt l-attur jattribwixxi d-decizjoni tieghu li jizzewweg lill-konvenuta, u dan anke fix-xhieda tieghu permezz tal-affidavit tieghu, peress li kienet saret pressjoni kbira fuq il-konvenuta biex jizzewgu ladarba kienet harget tqila tant li afferma ghal izjed minn darba illi kieku ma kienx gara hekk ma kienux jizzewgu.

Illi l-attur spjega wkoll illi l-gherusija taghhom ma kenitx wahda serja u ma jinnegax il-fatt li kellu relazzjonijiet ohra kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara. Malli zzewgu marru joqghodu ghal ftit zmien fi *flat*, proprjeta’ ta’ omm il-konvenuta u wara marru jghixu ma’ ommha u ghalkemm l-attur jistqarr li z-zwieg taghhom kien tajjeb biss ghal erba’ snin, izda mbaghad beda hafna nkwiet. Konsegwenza ta’ dan l-istess partijiet isseparaw u fil-fatt sa llum il-koppja ilhom aktar minn erbatax-il (14) sena b’kollox separati.

Illi t-tfal li twieldu minn dan iz-zwieg trabbew min-nanna materna Inez Montfort ghaliex tul il-perjodu li sseparaw minn xulxin kienu jghixu bhala guvni u xebba.

Illi min-naha taghha l-konvenuta tispjega illi huma damu johorgu flimkien ghal madwar erba’ snin, izda ma kellhom l-ebda intenzjoni li jizzewgu. Pero’ sa fl-ahhar kellhom jiehdu din id-decizjoni meta kienet harget tqila. Hija spjegat li bhala koppja kellhom hafna problemi ghaliex ma kienux *ben visti* mill-familjari ta’ xulxin. Il-konvenuta tammetti wkoll illi li kieku ma kenitx harget tqila ma kienux jiehdu d-decizjoni li jizzewgu, aktar u aktar meta waqt li kienu jiffrekkwentaw lil xulxin kienu jiggieldu ta’ sikwit u kienu sahansitra hassru diversi drabi.

Illi l-konvenuta fil-fatt spjegat illi fil-fatt ommha kienet haditha bi kbira hafna u ghalhekk kellha tizzewweg. Ommha kienet *demanding* hafna u ghalhekk ma kellhiex ghazla u kienet tiddependi fuq dak li kienet tghidilha. *“Meta zzewwigna”* tghid il-konvenuta kellha tmintax-il (18) sena.

Illi l-konvenuta wkoll tikkonferma illi l-attur kellu relazzjonijiet ma' nisa ohra barra miz-zwieg. Huma ma marrux *honeymoon* u anzi l-ghada tat-tieg, l-attur qabad u siefer fuq xoghol. Wara xi ftit zmien li kienu mizzewgin, huma marru joqghodu ma' ommha u kien wara li xtraw il-post taghhom. Il-konvenuta tispjega illi huma damu biss sitt snin mizzewgin u hmistax-il sena separati. Qalet u kkonfermat li t-tfal taghhom damu ghal perjodu twil taht il-kura u kustodja tan-nanniet taghhom.

Illi l-konvenuta tispjega wkoll li l-attur kien jahdem barra minn Malta u meta kien jigi Malta, kien iqatta' ftit hin maghha u kien johrog ukoll hafna drabi wahdu.

Illi **Antonia Cachia** xehdet illi hija oht l-attur. Tispjega kif ghaliha r-relazzjoni bejn huha u l-konvenuta ma kenitx wahda normali u kienet taf li kellu relazzjonijiet ma' nisa ohra. Xehdet ukoll illi huha ma riedx jizzewweg*,* izda meta il-konvenuta harget tqila, kien qed jigi assoggettat ghal hafna pressjoni min-nies il-konvenuta u mill-konvenuta stess u ma kellux alternattiva ghajr li jizzewweg.

Illi oht l-attur tispjega wkoll illi tant ma kienx lest ghaz-zwieg huha, li bil-kemm kien ikun fid-dar matrimonjali. Dan kien il-mezz li bih seta' jevita li jkollu kuntatt mal-mara ghax ghaliha ma kellu l-ebda mhabba partikolari. Illum jikkoabita ma' mara ohra w ilu ghal zmien twil igib ruhu ta' mizzewweg.

## (B) APPREZAMENT TAL-PROVI.

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghi jigi ddikjarat *null ai fini* ta' l-**artikolu 19(1)(d) tal-att dwar iz-zwigijiet (Kap.255).**

Illi dan l-**artikolu (19) (1)(d)** huwa artikolu li jehtieg spjegazzjoni u analizi fuq l-interpretazzjoni li nghata fil-gurisprudenza nostrana u f'dan il-kuntest il-Qorti ma hijiex ser tezamina t-tieni parti tal-**artikolu 19(1)(d)** u cjoe' l-kuncett ta' *"anomalija psikologika serja"* ghax mill-provi li ngabru fl-ebda hin jew mument ma jistghu l-fatti u l-provi

migbura jwasslu lill-Qorti sabiex tiddikjara z-zwieg *de quo* bhala null u bla ebda effett fil-ligi.

Illi ghalhekk il-Qorti, kif sewwa ghamlet il-Perit Legali, ser tillimita ruhha ghal analizi ta' *"difett serju ta' diskrezzjoni gudizzju* ".

Illi l-**artikolu 19(1)(d)** jissottolinea li sabiex zwieg jista' jigi ddikjarat null u bla ebda effett, wiehed mill-partijiet fil-mument tal-kunsens kien qed isofri minn immaturita` affettiva jew semplici njoranza.

Illi b'difett *"serju ta' diskrezzjoni"* l-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' mmaturita` fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku izda dan in-nuqqas tad-*"discretio judicii"* huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi ghalhekk dan id-difett irid ikun difett fil-fakolta` kritiko-estimativa tal-parti. Difett li jevalwa u jifhem u li jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.

Illi mill-kaz in ezami u wara li l-Qorti ezaminat il-provi prodotti jirrizulta inekwivokabilment illi l-kontendenti kienu ta' eta' zghira meta ltaqghu ma' xulxin. Ix-xhieda kollha jikkonfermaw illi l-gherusija taghhom ma kenitx wahda normali, tant li huma ma kellhom l-ebda hsieb li jizzewgu izda kienet biss it-tqala u l-pressjonijiet min-naha tal-familjari tal-konvenuta li pprecipitaw iz-zwieg.

Illi fil-fatt ghall-konvenuta dak li kienet tghid ommha dejjem kien tajjeb u kienet l-ahjar decizjoni. Hi ddeskrivietha bhala *'demanding'.* Ghall-attur min-naha l-ohra jekk il-konvenuta xtaqet li jizzewgu ghax issa kienet tqila, ma kienx hemm alternattiva ohra.

Illi ghalhekk z-zwieg taghhom jirrifletti li d-decizjoni li jizzewgu ma kenitx dak li verament xtaqu l-kontendenti. Dan huwa nifless f'dak kollu li gara wara z-zwieg. Ma kienx hemm qamar il-ghasel, l-attur telaq jahdem l-ghada

tat-tieg, kellu relazzjonijiet ma' nisa ohra, kien xorta jixtieq jghix hajtu ta' guvni u daqstant il-konvenuta. It-tfal trabbew man-nanniet materni.

Illi l-agir affrettat minghajr riflessjonijiet ta' x'tirrikjedi l-hajja mizzewga huwa agir irresponsabbli li jibqa' rifless tul il-hajja mizzewga taghhom. Iz-zwieg kien is-soluzzjoni ghat-tqala tal-konvenuta. B'hekk it-tarbija kien ser ikollha missier u omm u cjoe' familja, esternament. Fil-fatt, effettivament, familja u hajja mizzewga jirrikjedu aktar minn semplici apparenzi. Zwieg jirrikjedi hafna sagrificcji, hafna komunikazzjoni u fedelta'. Fuq kollox, qabel ma koppja tizzewweg hija ghandha tirrifletti sew fuq dan il-pass kbir li jkunu ser jiehdu.

Illi l-kontendenti zgur m'ghamlux dan. Il-konvenuta harget tqila, mela s-soluzzjoni hija wahda taz-zwieg, bla hadd minnhom ma qaghad jahseb u jwiezen jekk hix decizjoni ghaqlija fic-cirkostanzi. Minflok it-tnejn irreagixxew b'mod impulsiv u l-istess impulsivita` tohrog cara mill-fatt illi l-koppja effettivament qatt ma ghexet bhala koppja mizzewga jew sahansitra bhala familja li rabbiet lil uliedha.

Illi s-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha l-konjugi Ciantar holqot konflitt intern fihom li minhabba fiha gew privi b'mod sostanzjali milli jaghtu kunsens hieles, izda ukoll kunsens ponderat dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali u cjoe' dwar id-drittijiet u d-doveri essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghaldaqstant, abbazi tal-premess, l-istess perit legali kkonkludiet li *"fil-mument tal-kunsens, l-istess kunsens kien vizzjat u qatt ma seta' kien validu u t-tnejn li huma qatt ma waqfu biex jevalwaw u jezaminaw il-pass kbir u r-responsabiltajiet li kienu dehlin ghalih".* Fil-fatt konsegwentement l-istess Perit Legali qalet li:-

*"Ghaldaqstant, l-esponenti thoss li hemm bazi sabiex dan iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti ghandu jigi ddikjarat null u nvalidu taht l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 minhabba li kien hemm difett serju ta' diskrezzoni ta'*

*gudizzju u dan minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet".*
***l***
Illi l-**artikolu 19(1)(d)** jipprovdi li:-

*"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

Illi kif intqal fis-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Cutajar gja Borg"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999) "b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f' dan is-sens **"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – per Onor. Imhallef V. DeGaetano deciza fil-25 ta' Mejju, 1995 P.A.).

Illi kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni:**-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (Forum, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non*

*esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" ***(Pompedda, M.F.,*** **Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja. Kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso ……….. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva ……… La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (**Bersini, F., *Il Diritto Canonico Matrimoniale*** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:-

"*…….. se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e*

*quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ……… In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" ***(Pompedda, M.F.,*** **Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' **Viladrich:**-

"*Thus, there is grave lack (of discretion of judgment) when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up*

*children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" ***(Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi din l-ahhar riferenza qed issir *stante* li l-kuncett ta' difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga huwa ntimament konness mal-kuncett ta' zwieg u d-drittijiet u d-dmirijiet naxxenti mill-istess istituzzjoni, u mill-provi prodotti jirrizulta li l-unika raguni li ngabet ghaliex il-kontendenti ghamlu dan il-pass taz-zwieg kien biss ghaliex l-konvenuta harget tqila qabel iz-zwieg, u l-pressjoni li saret mill-genituri tal-istess konvenuta, u minnha stess sabiex tizzewweg biss sabiex tipprovdi stat legittimu lill-istess tarbija, u biex tigi evitata l-istigma socjali ghall-mara u wild li jkun barra miz-zwieg. Dan kollu jwassal sabiex din il-Qorti tikkonkludi, u b'hekk taqbel mal-Perit Legali, li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizjat *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, in kwantu l-istess huma nkompattibbli mat-talba attrici, **tilqa' l-istess talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-24 ta' April 1976 huwa null u mhux validu ghall-effetti kollha tal-ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi l-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta’ Ottubru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**31 ta’ Ottubru 2002**